REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 69/2012

tas-26 ta' Jannar 2012

dwar il-kwistjoni tal-liċenzji għall-importazzjoni tar-ross skont il-kwota tariffarja miftuħa għas-subperjodu ta' Jannar 2012 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [ir-Regolament dwar l-OKS Unika] [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi (kwoti tariffarji) fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi (kwoti tariffarji) għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur [3], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 fetaħ u pprovda għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur, li jitkisser mill-pajjiż tal-oriġini u li jinqasam f'diversi subperjodi skont l-Anness I għal dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) Jannar huwa l-ewwel subperjodu għall-kwoti pprovduti fl-Artikolu 1(1)(a), (b), (c) u (d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011.

(3) In-notifiki mibgħuta skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 juru li, għall-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4154 – 09.4112 – 09.4116 – 09.4117 – 09.4118 – 09.4119 – 09.4166, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel għaxart (10) ijiem ta' xogħol ta' Jannar 2012, skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ikopru kwantità li taqbeż dik disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba taħt il-kwoti kkonċernati.

(4) Dawk in-notifiki juru wkoll li, għall-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4148 – 09.4149 – 09.4150 – 09.4152 – 09.4153, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel għaxart (10) ijiem ta' xogħol ta' Jannar 2012, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjonu (UE) Nru 1273/2011, ikopru kwantità li hija inqas minn dik disponibbli.

(5) Jeħtieġ ukoll li, għall-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4148 – 09.4149 – 09.4150 – 09.4152 – 09.4153 – 09.4154 – 09.4112 – 09.4116 – 09.4117 – 09.4118 – 09.4119 – 09.4166, tiġi ffissata l-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' wara, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011.

(6) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-importazzjoni tar-ross li jaqgħu taħt il-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4154 – 09.4112 – 09.4116 – 09.4117 – 09.4118 – 09.4119 – 09.4166 imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, imressqa matul l-ewwel għaxart (10) ijiem ta' xogħol ta' Jannar 2012, il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantità mitluba, immultiplikata bil-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' wara taħt il-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4148 – 09.4149 – 09.4150 – 09.4152 – 09.4153 – 09.4154 – 09.4112 – 09.4116 – 09.4117 – 09.4118 – 09.4119 – 09.4166 imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, hija stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
[3] ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu ta' Jannar 2012 u kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu ta' wara skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

(a) Kwota ta' ross mitħun kollu jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif provdut bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Oriġini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Jannar 2012 (f%)	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' April 2012 (kg)
L-Istati Uniti	09.4127	— [1]	23 803 600
It-Tajlandja	09.4128	— [1]	9 812 999
L-Awstralja	09.4129	— [2]	1 019 000
Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor	09.4130	— [2]	1 805 000

[1] L-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma inqas minn jew daqs il-kwantitajiet disponibbli: għalhekk, l-applikazzjonijiet kollha huma aċċettabbli.
[2] L-ebda kwantità disponibbli għal dan is-subperjodu.

(b) Kwota ta' ross bla ħliefa kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 20 kif provdut fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

Oriġini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Jannar 2012 (f%)	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Lulju 2012 (kg)
Il-pajjiżi kollha	09.4148	— [1]	1 634 000

[1] L-ebda koeffiċjent tal-allokazzjoni ma ġie applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni ta' liċenzji ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

(c) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 00 kif provdut fl-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

Oriġini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Jannar 2012 (f%)	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Lulju 2012 (kg)
It-Tajlandja	09.4149	— [1]	44 047 269
L-Awstralja	09.4150	— [2]	16 000 000
Il-Gujana	09.4152	— [2]	11 000 000
L-Istati Uniti	09.4153	— [1]	5 455 000
Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor	09.4154	1,447729	6 000 011

[1] L-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma inqas minn jew daqs il-kwantitajiet disponibbli: għalhekk, l-applikazzjonijiet kollha huma aċċettabbli.
[2] L-ebda koeffiċjent tal-allokazzjoni applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni ta' liċenzji ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

(d) Kwota ta' ross mitħun kollu jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif provdut bl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

Oriġini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Jannar 2012 (f'%)	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Lulju 2012 (kg)
It-Tajlandja	09.4112	1,073576	0
L-Istati Uniti	09.4116	2	0
l-Indja	09.4117	0,91078	0
Il-Pakistan	09.4118	0,933048	0
Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor	09.4119	0,997548	0
Il-pajjiżi kollha	09.4166	0,842279	17 011 014